MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tal-15 ta' April, 2008

Talba Numru. 110/2008

**Talba Nru: 110/08 PBC**

**Korporazzjoni Enemalta**

**-vs-**

**Mark Cauchi**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-Korporazzjoni attrici talbet il-hlas tas-somma ta' tlett mija u disgha u erbghin Euro u wiehed u erbghin centezmu (€349.41) – (Lm150) liema ammont huwa dovut in konnessjoni ma' danni sofferti mill-Korporazzjoni attrici f'*cable* tal-elettriku u liema danni gew ikkawzati mill-konvenut nhar it-30 t'Ottubru, 2005 fil-By Pass ta' San Pawl il-Bahar, flimkien mal-imghax legali dekorribbli mid-data tal-ittra ufficjali tas-

7 ta' Settembru, 2007 sal-pagament effettiv. Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tas-7 ta' Settembru, 2007 u bil-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-Korporazzjoni attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-Korporazzjoni attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' tlett mija u disgha u erbghin Euro u wiehed u erbghin centezmu (€349.41) – (Lm150) bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------